Bord ta' l-Appelli Dwar it-Turizmu

Appell fl-ismijiet:

Hugo Chetcuti

Vs

L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta

MTA ref:

Illum 4 ta' Jannar 2012.

Il-Bord:

Ra l-appell intavolat minn Hugo Chetcuti datat 29 ta' Gunju, 2011 kontra Avviz ta' Infurzar mahrug mill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta datat 21 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu l-istess Awtorita`, filwaqt li avzat lill-appellanti li wara stharrig irrizulta li kien qed jopera l-istabilimenti Food + (gja` O'Caseys) u Red Aroma (gja` Hugo's) f'St Rita Steps, Paceville, li t-tnejn jiffurmaw parti mil-lukanda bl-isem ta' Hugo's Hotel (gja` Bernard Hotel) minghajr permess validu, ordnat lill-appellanti biex ma joperax l-istabilimenti in kwistjoni sakemm jinhargu l-permessi necessarji.

Ra l-aggravji migjuba mill-appellanti in sostenn ta' l-appell minnu ntavolat, u cioe' illi:

1. L-istabilimenti in kwistjoni ma jappartjenux lill-appellanti izda lil terza persuna;
2. Li l-istabilimenti in kwistjoni, effettivament, ghandhom permessi validi stante illi l-istess stabilimenti jiffurmaw parti mil-lukanda fuq imsemmija, liema lukanda ghandha permessi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' l-appell;

3. Il-fatt li l-lukanda in kwistjoni qed tigi ristrutturata ma jwassalx per se ghas-sospensjoni tal-licenzji ta' l-istabilimenti fl-istess lukanda.

Inzammu erba' seduti b'kollox fid-29 ta' Settembru, 2011, fis-17 ta' Ottubru, 2011, fejn xehed Dr. George Cutajar, fl-10 ta' Novembru, 2011 u fit-30 ta' Novembru, 2011.

Qis ix-xhieda ta' l-Avv. George Cutajar li xehed li l-lukanda in kwistjoni hi propjeta` ta' Hugos Hotel Ltd u, ghaldasqstant, l-Avviz ta' Infurzar kellu jinhareg kontra s-socjeta` msemmija u mhux kontra l-appellanti fil-kapacita` personali tieghu.

Qis li fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2011, il-kontendenti vverbalizzaw qbil li l-istabilimenti in kwistjoni ma kellhomx licenzja separata izda kienet l-lukanda, Bernard Hotel (illum bl-isem ta' Hugos Hotel) li kellha permess, liema permess, pero`, kien gie sospiz mill-Awtorita` appellata u li l-appellanti ma kienx appella kontra dik l-azzjoni.

Jirreferi ghad-digriet tieghu datat 30 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu l-Bord ai termini ta' l-artikolu 173 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ordna lill-partijiet sabiex fi zmien gimgha minn dik id-data jghaddu s-segwenti dokumentazzjoni lis-Segretarju tal-Bord:

**Appellanti**

1. Kopja tal-permessi kollha rigwardanti l-istabilimenti Food + u Red Aroma formanti parti mill-lukanda maghrufa bhala Hugo's Hotel (gja` Bernard Hotel) u li in forza taghhom l-appellanti qed jikkontesta l-azzjoni mehuda mill-Awtorita` appellata mertu ta' l-appell odjern; u
2. Kopja ta' l-appell intavolat mill-appellanti u ta' l-eventwali sentenza rigwardanti kwalsiasi azzjoni talvolta mehuda mill-Awtorita` appellata biex il-permessi tal-lukanda msemmija jigu sospizi.

**Awtorita` appellata**

1. Kopja tal-permessi kollha tal-lukanda maghrufa bhala Hugo's Hotel;
2. Kopja tad-decizzjoni li permezz taghha l-Awtorita` ordnat is-sospensjoni ta' l-istess permessi.

Ha konjizzjoni tal-fatt li l-kontendenti naqsu milli jiffornixxu lill-Bord bid-dokumentazzjoni lilhom mitluba.

Qis li l-appellanti ma gab l-ebda prova in sostenn tal-fatt li l-lukanda hi propjeta` ta' Hugos Hotel Ltd u li l-istabilimenti in kwistjoni ghandhom licenza separata.

Semgha t-trattazzjoni tal-konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Qabel xejn, li l-appellanti ma gab l-ebda prova ta' natura dokumentarja in sostenn ta' l-appell tieghu u, certament, ma gabx l-ahjar prova.

Li, galadarba l-istabilimenti kienu qeghdin joperaw in forza tal-permess tal-lukanda, Bernard Hotel, liema permess kien gie sospiz, jirrizulta ampjament li l-istabilimenti Food + u Red Aroma qeghdin joperaw minghajr permess validu.

In vista ta' dan, tenut kont tal-konsiderazzjoni fuq maghmula, il-Bord sejjer jiddisponi minn dan l-Appell billi jichad *in toto* l-appell interpost mill-appellant Hugo Chetcuti kontra d-decizzjoni tal-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta datata 21 ta' Gunju 2011 u, ghalhekk, il-Bord qed jikkonferma bhala valida, ragonevoli u fondata fil-fatt u fid-Dritt l-Avviz ta' Infurzar datat 21 ta' Gunju, 2011 mahrug kontra l-istess appellanti.

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-ispejjez kollha ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu ta' l-appellanti.